MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Numru 62/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Zarb)**

**versus**

**Irene Ellul**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Irene Ellul ta' 47 sena mart Emanuel bint il-mejjet Francis Difesa u Paola nee Psaila imwileda Hamrun fit-8 ta' Jannar, 1956 residenti Block R Door B Triq iċ-Ċinerarja, Santa Lucija, u detentriċi tal-karta ta' l-identita'

**Akkużata talli fit-28 ta' Diċembru, 2003 u fiċ-żmien ta' qabel fil-Blet Valletta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda**

**a. xjentement qegħidt fiċ-ċirkolazzjoni bigħet jew żammet għall-bejgħ jew importat għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq u cioe' denim pants tal-marka LEVI STRAUSS u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(l)(f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**b. bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampat, immanifatturat, idduplikat, jew mod ieħor ipproduċiet jew ikkopjat jew bigħet , qassmet jew mod ieħor offriet għall-bejgħ jew biex tqassam xi a rtikolu jew xi ħaġa oħra u denim pants tal-marka Levi Strauss bi ksur ta' jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u cioe RACA Limited u soċjetajiet oħra protetti bil- jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;**

**3. Il-Qorti ntalbet sabiex skond id-diskrezzjoni tagħha, f'każ ta' ħtija, tħassar il-Liċenzja jew tissospendi tali liċenzja għal żmien, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Liġijiet ta'Malta;**

**4. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esibiti u jekk ikun il-każ tikkundanna lil Irene Ellul għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9.**

**Il-Qorti**

**5. Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 370(4) tal-Kap 9,l-istqarrija ta' l-imputata lill-Pulizija, ir-riċevuta**

**rilaxxjata mill-Pulizija kif ukoll il-complaint magħmula mill-complainant;**

**6. Semgħet lill-Ispettur Bernard Zarba jikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u l-affarijiet elevati;**

**7. Rat l-ammissjoni magħmula mill-imputata minn jhedda;**

**8. Rat li l-imputata ma biddlitx fehmitha dwar din l-ammissjoni;**
**lsegwi għalhekk li dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.**

**9. Semgħet it-trattazzjoni tak-Prosekuzzjoni u ta' l-abbli difensur.**

**Ikkunsidrat**

**10. Wara li rat l-artikoli 17, 18, 298(1)(f), 298 (B) tal-Kap 9 issib lill-imputata ħatja iżda, minħabba l-ammissjoni bikrija tagħha u l-ammont limitat ta' affarijiet maqbuda, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum. Il-Qorti fehmet l-artikolu 22 tal-Kap 446 bi kliem sempliċi lill-imputata.**

**11. Il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' l-oġġetti esibiti u d-distruzzjoni tagħhom taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur.**

**12. Minħabba li ma nħatar ebda espert, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tikkundanna lill-imputata għall-ispejjeż.**

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------